MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 11/2013

**Joseph Camilleri (I.D. Nru. 434884 (M))**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Joseph Camilleri datat it-8 ta’ Frar, 2013, ipprezentat kontestwalment ma’ rikors iehor li wkoll igib l-istess data hawn indikata li pero` hu ta’ natura kostituzzjonali fejn f’dan ta’ l-ahhar informa lill-qorti sintetikament bis-segwenti:

1. Illi hu ghandu jwiegeb ghall-procedura kriminali taht l-Att tal-Akkuza 16/2010, liema procedura hi gia` appuntata ghall-25 ta’ Frar, 2013;

2. Illi l-istess rikorrenti gia` ntavola rikors ulterjuri biex il-guri tieghu hekk appuntat kif indikat fil-paragrafu precedenti jigi differit stante li l-awtorita` li l-Avukat Generali ghandu biex jeffettwa l-ghazla *ai termini* tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema rikors gie respint stante li s-soprasessjoni ttawwal il-proceduri;

3. Illi din il-fakulta` moghtija lill-Avukat Generali mill-artikolu 22 (2) tal-imsemmi Kap 101 fuq riferit jeffettwa drastikament il-parametri procedurali tal-azzjoni kriminali maghzula stante li l-pieni mposti fil-procedura quddiem il-Qorti tal-Kriminali hi ferm superjuri minn dik stabbilita ghall-procedura mehuda fuq l-istess fatti izda quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

4. Illi meta l-Avukat Generali jaghmel l-ghazla tal-forum preferenzjali tieghu dan statutorjament awtorizzat jaghmel hekk minghajr ma hu tenut jaghti l-ebda raguni fir-rigward;

5. Illi jirrizulta li l-Qorti Kostituzzjonali s’issa dejjem sanciet l-imsemmi artikolu li jawtorizza lill-Avukat Generali jimxi b’dan il-mod;

6. Illi pero`, fit-**22 ta’ Jannar, 2013**, il-**Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem**, fil-kaz **John Camilleri vs Malta**, stabbiliet li dan l-artikolu partikolari hu in effetti, kuntrarju ghal dak dejjem sancit lokalment, in vjolazzjoni ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u konsegwentement, iddekretat illi ma kienx hemm bzonn tezamina wkoll l-allegat ksur taht l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni;

7. Illi tenut kont tas-suespost u tar-ragunijiet l-ohra migjuba mir-rikorrenti fl-istess rikors promotur tieghu, talab li din il-qorti:

i. Tiddikjara li d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali fl-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 fuq riferit tivvjola l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita u

konsegwentement l-applikazzjoni tal-istess artikolu jikkostitwixxi “*unfair trial*”;

ii. Tiddikjara li l-Att tal-Akkuza 16/2010 mahrug kontra r-rikorrenti jivvjola l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni fuq riferita, u ghalhekk hu null u bla effett;

iii. Taghti rimedju mmedjat u ordni mmedjata li twaqqaf il-proceduri sakemm l-organi kostituzzjonali jiddeciedu l-ilment tieghu, halli l-vjolazzjoni ma tkunx akbar u hekk tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 13 tal-istess Kostituzzjoni;

iv. Taghti rimedju effettiv u kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet minnu sofferti;

Illi pero` r-rikors hawn in dizamina hu dak li effettivament hu wiehed ta’ natura sekondarju ghal dak precedenti, fejn f’din l-okkazjoni r-rikorrenti qieghed jesponi s-segwenti:

1. Illi effettivament dan hu rikors ta’ natura urgenti stante li wara l-25 ta’ Frar, 2013, id-data appuntata ghas-smiegh tal-procedura taht l-Att t’Akkuza 16/2010 fuq indikata, kwalunkwe provvediment kostituzzjonali jkun inutili, irrizorju w irrilevanti;

2. Illi permezz tal-istess rikors t’urgenza *de quo* qed jintalab kif gia` kien mitlub fil-kawzi Francis Xavier Borg vs Kummissarju tal-Artijiet u Peter Paul Cutajar vs Avukat Generali;

3. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-qorti biex:

i. Tezercita l-funzjoni taghha b’mod immedjat;

ii. Twaqqaf il-proceduri kriminali sakemm tigi deciza din il-kawza;

iii. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh f’data vicina biex jigi dibattut l-istess rimedju provizorju;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali datata l-14 ta' Frar, 2013, ghar-rikorsipprezentat kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali li sintetikament jesponi s-segwenti:

1. Illi din hi limitata ghat-talba tar-rikorrenti biex il-qorti twaqqaf il-procedura kriminali sakemm tigi epurata konklussivament il-kawza kostituzzjonali;

2. Illi joggezzjona ghall-oghti tar-rimedju provizorju mitlub, u dan in sintesi, ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi biex l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni rikjamat mir-rikorrenti japplika ghall-procedura odjerna jehtieg qabel xejn li jkun hemm allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni – allegazzjoni li fil-fatt ma tirrizultax indirizzata fl-istess rikors principali tar-rikorrenti;

ii. Illi kull mar-rikors in dizamina jippostula hu ilment marbut mal-jeddijiet protetti fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi ghalhekk, la r-rikorrenti mhux jilmenta minn vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali sanciti mill-Kostituzzjoni, allura ma jistax jitlob rimedju provizorju taht l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni;

iv. Illi l-kazistika kwotata mir-rikorrenti hi irrilevanti ghaliex ma fihom l-ebda kwistjoni t'entita` kriminali bhal dik odjerna;

v. Illi d-drittijiet fundamentali m'ghandhomx iservu ta' paraventu biex wiehed ma jirrinfaccax il-konsegwenzi t'eghmilu;

vi. Illi jkun ta' ghajb ghas-sistema gudizzjarja jekk proceduri kriminali jitwaqqfu fuq semplici allegazzjoni ta' vjolazzjoni ghaliex b'hekk l-istess sistema tkun **fonti ta' ingustizzja minnha nnifisha**;

vii. Illi l-intimat fuq indikat ukoll isostni li "*interim relief*" jinghata meta "*there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm*" u generalment jinghata fejn ikun hemm "*an alleged risk to life or ill treatment*";

viii. Illi dawn il-possibilitajiet ma jezistux fil-kaz odjern;

ix. Illi tul dawn il-proceduri kull ma r-rikorrenti jkun qed jakkwista jkun biss dewmien u dilungar inutili tal-proceduri kriminali li jikkoncernawh;

x. Illi r-rimedju moghti taht il-Konvenzjoni Ewropea fil-kaz Camilleri vs Malta fuq gia` riferit kien biss wiehed pekunjarju;

xi. Illi ghalhekk ir-rimedju mfittex mir-rikorrenti jattira biss rimedju finanzjarju favorevoli ghalih u b'hekk ma jsofri l-ebda dannu rrimedjabbli;

xii. Illi konsegwentement ma jezistux l-estremi biex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti biex jitwaqqfu l-proceduri kriminali fuq riferiti;

Rat ir-risposta tal-istess intimat Avukat Generali wkoll datata l-14 ta' Frar, 2013, li pero` f'dan l-istadju mhix ser tigi hawn indirizzata stante li mhix effettivament qed tigi hekk ezaminata ghall-fini tar-rikors t'urgenza *de quo*;

Rat in-nota ta' referenzi tar-rikorrenti Camilleri datata l-15 ta' Frar, 2013;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata d-19 ta' Frar, 2013;

Rat in-nota ulterjuri tar-rikorrenti Camilleri datata d-19 ta' Frar, 2013;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi din hi decizjoni rigwardanti r-rikors sekondarju tar-rikorrenti Camilleri li permezz tieghu qed jitlob ghal rimedju provizorju fis-sens li sakemm jigi epurat ir-rikors principali rigwardanti l-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif minnu spjegat fir-rikors principali fuq riferit, il-procedura kriminali naxxenti mill-Att tal-Akkuza 16/2010 tigi sospiza;

Illi in sintesi, r-rikorrenti qieghed isostni s-segwenti:

1. Illi hu ghaddej proceduri kriminali *ai termini* tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 fuq indikat li huma appuntati ghal nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2013;

2. Illi din il-procedura ndikata fil-paragrafu precedenti hi effett ta' decizjoni mehuda mill-Avukat Generali skont l-istess ligi fuq indikata;

3. Illi effett ta' tali decizjoni tal-Avukat Generali – li statutorjament mhux tenut li jaghti r-ragunijiet ghaliha – il-piena issa ndirizzata kontra r-rikorrenti hi ferm aktar oneruza kif jirrizulta mill-istess artikolu 22 tal-Kap *de quo*;

4. Illi tenut kont li l-istess fatti jistghu jigu ugwalment indirizzati mill-istess intimat Avukat Generali fi struttura gudizzjarja differenti fejn il-piena statutorjament postulata hi ferm anqas gravuza, qed jigi ghalhekk allegat li l-fatt li l-imsemmi Avukat Generali mhux obbligat jesponi r-ragunijiet tieghu bi trasparenza hi in effetti in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali sanciti mill-Konvenzjoni Ewropea u allura, tali nuqqas ta' trasparenza hi serjament pregudikanti ghar-rikorrenti;

5. Illi in effetti, ghal dak li jikkoncerna din il-vertenza fil-gurisdizzjoni Maltija din l-istess sitwazzjoni issa awtorevolment attirat decizjoni mill-oghla qorti Ewropea fir-rigward fil-kawza **Camilleri vs Malta**, tat-**22 ta' Jannar, 2013**, li ghadha s'issa soggetta ghall-possibilita` ta' ri-ezami in sekonda istanza fl-istess gurisdizzjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

Illi stabbiliti l-fatti fuq sintetikament esposti ghandu issa jigi ndirizzat is-segwenti:

1. Illi fir-rigward ta' xi argumenti sollevati mill-intimat Avukat Generali fir-risposta rilevanti tieghu ghandu jigi ribadit sintetikament is-segwenti:

i. Illi pajjiz demokratiku li effettivament japplika akkost ta' kollox is-sovranita` tad-dritt u mhux biss jisfruttah ghall-finijiet superficjali u nefasti tieghu, ma jistax semplicistikament jittollera l-atitudini li ghaliex wiehed jippersegwixxi id-drittijiet legittimi tieghu jigi imbullat superficjalment minn min hu dovut li jkun jaf ahjar li "***qieghed jinheba wara paraventu***" biex ma jirrinfaccax il-konsegwenzi t'eghmilu;

ii. Illi hi l-fehma ta' din il-qorti, xprunata kif inhi mill-insenjament tal-qorti ta' Strassburgu fir-rigward fuq riferit – nonostante xi vuci kontrastanti l'hawn u l'hemm – kull min *in buona fede* jfittex li jsahhah il-pozizzjoni legali tieghu billi jippersegwixxi d-drittijiet moghtija lilu wara snin ta' zvilupp legali fir-rigward, mhux biss ikun legittimament qieghed jippersegwixxi d-drittijiet li hu jista' jindirizza, imma jkun qieghed ukoll isahhah id-drittijiet tal-kollettivita` li jghix fiha – altru milli jinheba wara paraventu;

iii. Illi kieku ghall-grazzja tal-argument ma kienx hawn predecessuri ghar-rikorrenti li tramite avukatura serja w indipendenti ippersegwew id-drittijiet legittimi taghhom b'serjeta` u b'rigorozita`, kieku ghadna nghixu fit-tiranija li dawn id-drittijiet jippruvaw jikkontrastaw;

iv. Illi *di piu`*, hu wkoll inkwetanti l-argument sollevat mill-intimat li: "jkun ta' ghajb kbir ghas-sistema kollha tal-amministrazzjoni tal-gustizzja jekk proceduri kriminali jithallew jitwaqqfu fuq semplici allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem", (ara fol 8);

v. Ili tali indole jittradixxi atitudini xejn ghaqlija anzi, perikoluza, fejn qed jigi ritenut mill-ufficcju ta’ *l-akbar habib tal-imputat*, (il-prosekutur), li jagixxi f’isem ir-Repubblika f’azzjoni kriminali kif rapprezentata mill-intimat, li meta wiehed ifittex legittimament id-drittijiet tighu, kif ukoll meta l-qorti – in rapprezentanza tal-amministrazzjoni tal-gustizzja – takkorda tali rimedji hekk imfittxija, allura dawn ikunu ta’ “**ghajb kbir ghas-sistema kollha tal-amministrazzjoni tal-gustizzja**”;

vi. Illi tenut kont tal-fatt li dan il-kliem mhux biss jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, izda jimmina wkoll minn gewwa r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja stante li attur importanti f’din ir-retta amministrazzjoni bhal ma hu l-intimat ghandu l-ardir jinsinwa li kemm –il darba qorti taqdi d-dover taghha skont il-“*haqq u s-sewwa*” tkun b’hekk qed thammar wicc il-gustizzja;

vii. Illi xejn m’hux ‘il- boghod aktar minn hekk, u din il-qorti tiehu l-opportunita` biex tirrespingi din l-insinwazzjoni bil-qawwa kollha permissibbli;

viii. Illi tissottolinea wkoll li tali atitudini tal-intimat bl-ebda mod ma tista’ tkun kondivisibbli u ghandha tattira biss l-indinjazzjoni ta’ kull min verament ghandu ghal qalbu l-vera sovranita` tad-dritt u r-retta applikazzjoni tal-ligi – *b’gustizzja* – minghajr ma wiehed ihares lejn ucuh;

ix. Illi ghaldaqstant qed tissottolinea li qed tirrespingi tali allegazzjonijiet bil-qawwa kollha u tawspika li ma jkollhiex ghalfejn tindirizza tali atitudini tirannika li ma tixraqx lill-pajjiz li qed jaspira li jkun protagonist fl-isfera anke internazzjonali tad-drittijiet fundamentali;

Ikkunsidrat:

Illi l-indirizz tad-decizjoni odjerna hi necessarjament limitata mill-estensjoni postulat mir-rikorrenti kif fuq sintetikament espost;

Illi ghalhekk il-qorti hi rinfaccata b'talba biex minghajr dilungar inutili tordna s-sospensjoni tal-procedura kriminali fuq indikata qabel ma jkun tard wisq ghar-rikorrenti billi jigi mghoddi proceduri wara decizjoni pregudikanti fil-konfront tieghu minghajr ma jinghata sodisfazzjon ragonevoli – anke jekk negattiv ghalih;

Illi minghajr ma tigi ndirizzata din l-ahhar vertenza li hi l-iskop tar-rikors principali fuq riferit jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-procedura kriminali *de quo* hi rizultat dirett tad-decizjoni tal-intimat *ai termini* tal-artikolu 22 tal-Kap 101;

2. Illi l-effett dirett ta' din id-decizjoni awtomatikament jitfa' lir-rikorrenti f'kategorija penali aktar pezanti;

3. Illi r-rikorrenti ma jistax jinghata s-sodisfazzjon mehtieg minn kull bniedem ragonevoli stante li r-raguni ghal tali procedura aktar pezanti fil-konfront tieghu la tinghata u wisq anqas hi sindakabbli minn awtorita` gudizzjarja imparzjali w indipendenti;

4. Illi s-sitwazzjoni esposta fil-paragrafu precedenti kienet skrutinata dettaljatament mill-qorti ta' Strassburgu fil-kawza **Camilleri vs Malta** datata t-**22 ta' Jannar, 2013**, fejn giet censurata severament, ghalkemm kien hemm zewg vucijiet kontrastanti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, il-vertenza ndirizzata mir-rikorrenti, nonostante li giet s'issa dejjem respinta mill-Qorti Kostituzzjonali lokali, timmerita riezami mill-istess organi Kostituzzjonali – specjalment anke minhabba l-insenjament ricenti minn Strassburgu fuq riferit u l-izvilupp allura riskontrat;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti:

1. Tordna t-twaqqif tal-proceduri kriminali sakemm jigi deciz b'mod konklussiv ir-rikors principali tar-rikorrenti fuq riferit;

2. Tappunta l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti ghas-smiegh fuq il-meritu wara li tikkonsulta mal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

3. B'rizerva rigwardanti l-ispejjez ghad-decizjoni finali.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------